# LE GRAND TANGO

*Omaġġ lil Astor Piazzolla*

1.
Bid-dlam f'għajnejk toħroġ tiżfen it-tango.
Ġo sidrek hemm dal-leħen qiegħed jgħajjat:
araħ id-demm se jtir ma' wiċċek abjad.
Fittex agħfasni ħa ndellkek bid-dmija.
M'jien xejn għajr ġisem sħun u storja twila.

Fid-dlam t'għajnejk noħroġ niżfen it-tango.

Jien il-poeżiji miġbura tiegħek.
Jiena ġisem żagħżugħ lest li jinkixef
fil-beraħ tal-ġonna ta' dil-belt rieqda.
Jien qtar id-demm marid bid-dipressjoni.
Jien il-fdal ta' messaġġi ċellulari:
l-aħħar tango jimxi bilmod maġenbek
jittrateni qabel ma jaqbad triqtu.
Jien kif nista' nagħfsek miegħi
jekk lanqas naf min int u mnejn int ġejja?

M'int xejn għajr ġisem sħun u storja twila.

2.
Aħna żewġ ħlejjaq ħżiena li ġġerrejna
ġo toroq mhux magħrufa f'nofs iljieli.

Żorna sodod barranin u oħrajn qribna;
żorna Iġsma li lanqas konna nafu;
dħalna f'djar bla ndirizz biex imteddejna.

L-ispirtu fittixnieh f'tgħanniq li jifgak,
u skoprejnieh fin-nifs maqtugħ tal-gost.

3.
Kemm jinstema' mdejjaq it-tango llejla -
donnu skura bis-sħab li ġera lejna;
donnu tqal bid-dmugħ; donnu nkiser, spiċċa
biex tilef in-noti li kienu jżommu
ma' ġismek, ma' ġismi, jitħabblu mħeġġa
fil-lożor trasparenti tal-misteru.

Kemm jinħass vojt il-ħars li ndendlu f'wiċċna
biex inħarsu lejn xulxin kull filgħaxija
malli nħossu d-dlam jittanta jidfinna.

Illejla t-tango qed inħossu mdejjaq
daqs l-ikbar firxa ramel mingħajr ilma,
daqs l-isbaħ fjura samra nieżla tokrob,
daqs l-itwal triq li nsew kif jgħaddu minnha,
daqs l-iswed par għajnejn bid-dmugħ jittawwal,
daqs din il-poeżija li ħarbitli.

**Immanuel Mifsud**